

Brussell, 14 ta' Frar 2025
(OR. en)

5864/25

COPS 53
EUMC 52
POLMIL 20
PSC DEC 9
CFSP/PESC 188
CSDP/PSDC 74
COAFR 30
ATALANTA 7
RELEX 123

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2983 (EUNAVFOR ATALANTA/1/2025)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/...

ta' ...

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE
għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea
bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan
u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA)
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2983
(EUNAVFOR ATALANTA/1/2025)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

¹ ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2008/851/oj.

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, li tipprevedi operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA).
- (2) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għal EUNAVFOR ATALANTA ("Kmandant tal-Forza tal-UE").
- (3) Fit-28 ta' Novembru 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2983² li taħtar il-Komodor Alexandre Joaquim GAMURÇA SERRANO bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (4) Fit-28 ta' Jannar 2025, l-awtoritajiet militari Taljani pproponew il-ħatra tal-Kaptan Davide DA POZZO biex jieħu post il-Komodor Alexandre Joaquim GAMURÇA SERRANO bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE (il-“ħatra proposta”). L-awtoritajiet militari Taljani indikaw li l-Kaptan Davide DA POZZO għandu jiġi promoss għall-Viċi Ammirall mal-ħatra tiegħu bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (5) Fit-28 ta' Jannar 2025, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE ta' EUNAVFOR ATALANTA appoġġa l-ħatra proposta.

² Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/2983 tat-28 ta' Novembru 2024 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2676 (ATALANTA/4/2024) (ĠU L, 2024/2983, 29.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2983/oj>).

- (6) Fis-6 ta' Frar 2025, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Viċi Ammirall Davide DA POZZO jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE mill-20 ta' Frar 2025.
- (7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Viċi Ammirall Davide DA POZZO bħala Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (8) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2983 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Viċi Ammirall Davide DA POZZO huwa maħtur bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) mill-20 ta' Frar 2025.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2983 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' Frar 2025.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President
